# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 3 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 2**

**Rikors numru 254/2021/2 NC**

Fl-Atti tal-mandat ta' żgumbrament numru 154/2021 fl-ismijiet:

**Mary Saliba**

***v.***

**Charles Saliba**

1. Dan huwa appell ta' Charles Saliba ["ir-raġel"] minn provvediment mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-17 ta' Novembru 2021 li bih ġiet miċħuda t-talba tiegħu magħmula taħt l-art. 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għat-tħassir ta' mandat ta' żgumbrament maħruġ kontra tiegħu fuq talba ta' Mary Saliba ["il-mara"]. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B'sentenza tal-25 ta' Mejju 2012 fl-ismijiet Charles Saliba *v.* Mary Saliba[1] il-Qorti tal-Appell illikwidat il-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejn il-partijiet u *inter alia* assenjat żewġ proprjetajiet, waħda fl-Imsida u l-oħra f'Marsascala*,* lill-mara. Il-parti dispositiva tas-sentenza *inter alia* tgħid hekk:

> »… … … Il-qorti qiegħda wkoll tikkundanna lill-attur iħallas lill-konvenuta is-somma komplessiva ta' €37,400 rappreżentanti arretrati ta' manteniment dovuti lilha u lil uliedhom … … …, liema somma però qiegħda tiġi *in parte* sodisfatta billi l-konvenuta qiegħda tiġi assenjata ż-żewġ garaxxijiet u *cioè* l-garaxx … … … Marsascala … … … u l-garaxx … … … Msida … … … filwaqt li l-attur għandu jħallas lill-konvenuta s-somma bilancjali ta' €11,777 fi f'pagamenti mensili mid-data ta' din is-sentenza ta' elf euro fix-xahar (€1,000) bl-aħħar pagament ikun ta' seba' mija u sebgħa u sebgħin euro (€777).
>
> »… … … tassenja lill-konvenuta ż-żewġ garaxxijiet … … …, filwaqt li tikkundanna lill-attur iħallas lill-konvenuta s-somma ta' €2,853.50 bħala sehemha minn flejjes li ntefqu fid-dar parafernali tal-attur, is-somma ta' €1,164.50 bħala sehemha mill-vettura *Ford Escort*, u kif ukoll is-somma ta' €582.50 bħala sehemha mis-satellita u *tumble dryer* li ġew assenjati lill-attur.
>
> »… … …«

3. B'kitba tal-24 ta' Frar 2014 imbagħad il-partijiet ftiehmu hekk:

> »A. Premess illi l-partijiet huma separati permezz ta' sentenza tal-qorti fl-ismijiet Charles Saliba *v.* Mary Saliba deċiża mill-Qorti tal-Appell (appell ċivili numru 7/2004/2) nhar il-25 ta' Mejju 2012;
>
> »B. Premess illi l-mara ppreżentat proċeduri ta' bejgħ *sub hasta* quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fi proċeduri fl-istess ismijiet (*sub hasta* numru 80/13);
>
> »C. Premess illi l-partijiet jixtiequ jittransiġu l-pendenzi ta' bejniethom u għaldaqtant qed jersqu għal dina l-iskrittura:
>
> »Dan premess, il-partijiet qed jaqblu fuq is-segwenti:
>
> »1. ir-raġel qiegħed iħallas lill-mara s-somma ta' €44,200.50 rappreżentanti s-*sorte* tal-kawża hawn fuq imsemmija;
>
> »2. ir-raġel qed jaqbel illi *oltre* din s-somma jonqsu jħallas l-ispejjeż tal-kawża hawn fuq imsemmija liema spejjeż għad irid jiġu kwantifikati … … …;
>
> »3. … … …

[1] Ċitazzjoni nru 7/2004

»4. il-partijiet qed jaqblu illi salv għal dak miftiehem f'din l-iskrittura m'għandhom l-ebda pendenza ulterjuri fil-konfront ta' xulxin u dan il-ftehim għandu jservi ta' kwittanza finali bejn il-partijiet.«

4. Biex teżegwixxi l-parti tas-sentenza dwar l-assenjazzjoni lilha tal-beni immobbli, il-mara fis-26 ta' Awwissu 2021 kisbet il-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament[2]. Imbagħad, b'rikors tal-25 ta' Ottubru 2021 quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ir-raġel talab illi l-qorti:

»1. tissospendi l-effetti tal-mandat … sakemm jinstema' u jiġi deċiż finalment dan ir-rikors; u

»2. tħassar il-mandat … … …«

5. Bil-provvediment li minnu sar dan l-appell l-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Fil-proċeduri odjerni r-rikorrent qiegħed jitlob is-sospensjoni jew alternattivament it-tħassir tal-mandat in kwistjoni fuq żewġ punti u *cioè* li:

»• l-intimata ma għandhiex titolu eżekuttiv fuq il-garaxxijiet li huma mertu ta' dan il-mandat minħabba li, minkejja li s-sentenza tal-kawża ta' separazzjoni assenjat il-garaxxijiet lill-intimata, ma sar l-ebda trasferiment ta' dawn il-garaxxijiet; u

»• il-partijiet kienu iffirmaw l-iskrittura li saret riferenza għaliha aktar 'il fuq li, skont ir-rikorrent, hija minnha nnifisha *res judicata ai termini* tal-artikolu 1729 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u li hu għażel li jħallas l-ammont imsemmi aktar 'il fuq a saldu ta' kull pretensjoni.

» … … …

»L-ewwel talba (sospensjoni tal-effetti tal-mandat ta' żgumbrament):

»… … …

»It-tieni talba (tħassir tal-mandat ta' żgumbrament):

»F'din it-talba r-rikorrent jitlob li l-mandat ta' żgumbrament in kwistjoni jiġi mħassar.

»Qabel il-qorti tipproċedi ulterjorment hija tal-fehma li jkun opportun li tagħmel riferenza għal ġurisprudenza li ngħatat fir-rigward ta' artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Fil-provvediment mogħti fit-30 ta' Novembru 2012 fil-proċeduri fl-atti tal-mandati ta' qbid eżekuttivi numru 1817/2011 u numru 1818/2011 fl-ismijiet Victor Fenech *et v.* Anthony Fountain *et* (rikors numru 398 /2012), il-Qorti tal-Appell saħqet is-segwenti:

[2] Mandat numru 154/2001

> »"11. Il-proċedura taħt l-art. 281 hija sommarja, kif jixhdu wkoll it-termini qosra li timponi l-liġi għad-deċiżjoni fuq rikors magħmul taħt dak l-artikolu. Kwistjonijiet dwar jekk il-mandat inħariġx mill-qorti kompetenti, dwar jekk inħariġx bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv, dwar il-*quantum* tad-dejn kanonizzat, dwar l-identità tad-debitur kanonizzat – li kollha jistgħu jwasslu għat-tħassir tal-mandat jew ta' parti minnu – huma kollha kwistjonijiet li jistgħu jinqatgħu wara stħarriġ sommarju. Kwistjonijiet dwar il-proprjetà tal-ħwejjeġ milquta bil-mandat, li, bħal fil-każ tal-lum, iwasslu għat-tħassir mhux tal-mandat jew ta' parti minnu iżda tal-eżekuzzjoni, jeħtieġu stħarriġ aktar fit-tul li ma jistax isir fi smigħ sommarju. Huwa għalhekk illi l-liġi għal każijiet bħal dak tal-lum trid illi l-proċedura ssir b'dik normali ta' rikors maħluf".

»Fil-provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Frar 2015 fil-proċeduri fl-atti tal-mandat ta' qbid numru 23/2015 fl-ismijiet <u>*A.A.S.K. Enterprises Limited v. MORE Supermarkets (Fgura) Limited*</u> (rikors numru 28/2015) ingħad is-segwenti:

> »"Fil-provvediment tagħha tal-20 ta' Ġunju 2012 fl-atti tar-rikors ta' Rose Marie Holland wara l-mandati ta' qbid (eżekuttivi) numri 1817/11 MB u 1818/11 MB fl-ismijiet: <u>Victor Fenech *et v.* Anthony Fountain *et*</u>, din il-qorti qalet hekk :-
>
> > »"'… … … ir-rimedju mogħti bl-imsemmi artikolu 281 huwa wieħed speċjali (kemm fir-rigward tal-proċedura mfassla u kif ukoll għas-sura ta' rimedju mogħti) maħsub li jġib it-tħassir tal-att eżekuttiv, kemm għal kollox jew inkella f'biċċa minnu, u dan "għal raġuni valida skond il-liġi". Għalkemm ma tingħata l-ebda tifsira fil-liġi dwar x'tista' tkun "raġuni valida" li twassal għall-għoti tar-rimedju mitlub, huwa meqjus li, għall-finijiet tal-artikolu 281, l-għan li għaliha ddaħħlet din id-dispożizzjoni fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, il-parti interessata tista' ġġarrab preġudizzju, u dan billi jsir eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-qorti tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat ikunu tħarsu u jkunu jidhru mill-att eżekuttiv innifsu, u li dak il-mandat ma jkunx inħareġ b'mod abbużiv (ara: P.A. 19.11.2008 fl-atti tar-rikors fl-ismijiet <u>Kummissarju *VAT v.* Mark Grima *et*</u>).
> >
> > »"'Huwa aċċettat li l-fatt li l-ħwejjeġ maqbuda fl-eżekuzzjoni ta' mandat ma jagħmlux mill-ġid tad-debitur eżekutat ma għandu jkollu l-ebda effett fuq is-siwi tal-mandat innifsu, iżda jekk stess iħalli effett fuq l-eżekuzzjoni (ara: P.A. 14.11.1994 fil-kawża fl-ismijiet <u>Josephine Spiteri *v.* Anthony Perry *et*</u>). Min għandu d-dritt u l-interess li jattakka dik l-eżekuzzjoni m'għandux il-jedd li jattakka s-siwi tal-mandat li bis-saħħa tiegħu saret tali eżekuzzjoni, sakemm ma toħroġx xi waħda mir-raġunijiet li trid il-liġi (ara: P.A. 28.5.1999 fil-kawża fl-ismijiet <u>Gianfranco Tolio *v.* Danuta Komarzynic</u>). Min-naħa l-oħra, it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' mandat ma ssirx taħt l-artikolu 281 (ara: App. Ċiv. 5.2.2002 fil-kawża fl-ismijiet <u>Persiano *et v.* Persiano</u> (Kollez. Vol. LXXXVI.ii.257).
> >
> > »"'Il-prattika stabilita mbagħad hi li min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' mandat irid jagħmel dan billi jmexxi bil-proċedura normali maħsuba fil-liġi. Illum il-ġurnata, din il-proċedura hija azzjoni li tinbeda b'rikors maħluf (ara: P.A. 5.3.2001 fil-kawża <u>*Terranet Limited v. Linknet Limited et"*</u>) … … …

»"'Jagħti 'l wieħed x'jargumenta bis-sħiħ jekk l-eżekuzzjoni ta' mandat għandhiex titqies bħala parti essenzjali mill-istess mandat. U dan jista' wkoll jitqies fid-dawl tar-rimedju mogħti fi kliem l-artikolu 281 lil "xi persuna oħra interessata". Fl-istess waqt, il-qorti tagħraf ukoll li l-fehmiet tal-qrati tagħna dwar jekk l-artikolu 281 jistax iservi biex wieħed jattakka l-eżekuzzjoni ta' mandat eżekuttiv m'hux dejjem jaqblu (ara: P.A. 12.2.2010 fil-kawża fl-ismijiet <u>*Car Care Products Ltd v.* John Buġeja *et*</u> (li ma aċċettatx li l-art. 281 jista' jintuża biex wieħed jattakka l-eżekuzzjoni tal-mandat) u P.A. 2.8.2011 fl-atti tar-rikors fl-ismijiet <u>Alan Bartoli *noe v. A Gatt Trading Ltd et*</u>" (fejn l-art. 281 tħalla jintuża biex jattakka eżekuzzjoni ta' mandat ta' qbid fuq ħwejjeġ li ma kinux tad-debitur eżekutat). Madankollu, l-fehma ta' din il-qorti hi li l-proċedura tal-artikolu 281 ma tistax tgħin biex persuna tattakka l-eżekuzzjoni u mhux is-siwi tal-mandat innifsu. Din il-fehma, minbarra dak li ssemma qabel, toħroġ ukoll mill-fatt li r-rimedju mogħti mil-liġi għal min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' att eżekuttiv (art. 276 tal-Kap. 12) jiġifieri bi proċedura kontenzjuża "normali", kien jeżisti sa minn qabel ma ddaħħal fil-Kodiċi r-rimedju speċjali li llum jinstab fl-artikolu 281 (qabel kien imsejjaħ l-art. 283A).

»"'Ma jidhirx li meta l-leġislatur (fl-2006) wessa' l-applikazzjoni tal-artikolu 281 tal-Kap. 12 favur "xi persuna oħra interessata" wessa' wkoll ir-raġunijiet li dwarhom dak ir-rimedju sata' jintalab qabel dak iż-żmien. Wieħed ma jridx jinsa li r-rimedju mogħti taħt l-artikolu 281 tal-Kodiċi tal-Proċedura m'huwiex ir-rimedju waħdien li jista' jingħata "taħt din il-liġi jew xi liġi oħra" (ara: App. Inf. 9.1.2008 fil-kawża fl-ismijiet <u>Awtorità Marittima ta' Malta *v. Polidano Brothers Ltd*</u>).

»"'Ladarba r-rikorrenti dehrilha li kellha tmexxi b'sempliċi rikors u mhux b'rikors maħluf, joħroġ li r-rikors imressaq minnha ma jiswiex għall-finijiet tal-artikolu 789(1)(*ċ*) tal-imsemmi Kapitolu 12 u sa dan ir-rigward l-eċċezzjoni proċedurali tal-intimat eżekutant tirriżulta mistħoqqa. Dan, naturalment, jingħad bla ebda ħsara għal kull rimedju ieħor li l-istess rikorrenti tista' tinqeda bih biex tikseb dak li talbet f'din il-proċedura tal-lum … … …'"

»Għall-fini tal-provvediment tal-lum, din il-qorti jidhrilha li jkun utli li jingħad illi l-iskop wara l-proċediment skond l-art. 281 tal-Kap. 12 baqa' l-istess kif kien meta d-dispożizzjoni viġenti kienet l-art. 283A qabel dan l-artikolu kien sostwit bl-art. 281.

»Infatti fil-provvediment tagħha tal-5 ta' Mejju 2005 fl-atti tar-rikors nru 287/2005 wara l-mandat ta' sekwestru nru 392/05 fl-ismijiet <u>Edward Pavia *v.* Michael Sultana *et*</u>, l-istess qorti li ppronunzjat il-provvediment hawn fuq riferit qalet hekk dwar l-iskop tal-Art. 283A :-

»"… … … Il-każ li għandha quddiemha l-qorti llum jinkwadra ruħu u huwa espressament imsejjes mir-rikorrenti fuq dak li jipprovdi l-artikolu 283A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

»"Il-qorti hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħħlet din id-disposizzjoni fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu li bis-saħħa tiegħu l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu għad-dħul tal-imsemmi artikolu fil-Kodiċi, ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li

bis-saħħa tiegħu l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ (ara: Briffa *v. Stones Properties Ltd noe*, Appell: 1.12.2000, Kollez. Vol. LXXXIV.ii.1401; *K.T.I. v.* Serge, 25.5.2001, Appell, Kollez. Vol. LXXXV.ii.414). Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra.

»"Il-liġi ma tgħidx x'tista' tkun "raġuni valida skond il-liġi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in ġenerali, jista' jingħad li mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareg minn qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar mandati kawtelatorji. Il-mandat mertu tal-kawża preżenti m'huwiex mandat kawtelatorju; […]"

»[ara wkoll il-provvediment ta' din il-qorti tat-30 ta' Ottubru 2003 dwar rikors nru 958/2003 fl-atti tar-rikors ta' mandat ta' qbid eżekuttiv nru 1496/03 flismijiet Emanuel Vella *v. Lloyds Malta Limited e*t].

»Meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq fil-ġurisprudenza kkwotata, il-qorti tosserva li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju 2012 li biha ġew assenjati l-garaxxijiet in kwistjoni lill-intimata hija titolu eżekuttiv fiha nnifisha. Dak li qed jintalab mir-rikorrent bit-talba tiegħu huwa li jerġgħu jinfetħu mill-ġdid il-provi sabiex tiġi mdawwra deċiżjoni li hija ċara u ma tħallix post għal interpretazzjoni. Waqt is-sottomissjonijiet tiegħu l-istess difensur tar-rikorrent jagħraf li ma hemmx dubbju li l-garaxxijiet ġew assenjati lill-intimata. Għaldaqstant ma huwiex korrett meta jgħid li l-intimata ma għandiex titolu eżekuttiv sabiex titlob il-mandat ta' żgumbrament. Din il-qorti ma tista' qatt tinjora l-fatt li hemm sentenza li għaddiet in ġudikat, liema sentenza assenjat il-garaxxijiet in kwistjoni!

»Stabbilit dan il-punt, il-qorti tagħmel riferenza għall-provvediment mogħti fl-20 ta' Novembru 2013 fil-proċeduri fl-atti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 248/2013 fl-ismijiet Mario Micallef *v.* Angela Micallef (rikors numru 215/2013), fejn il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) qalet is-segwenti:

»"L-istħarriġ li din il-qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. Xogħol il-qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex, wara kollox, fi proċedura bħal din ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun.

»"Għalhekk din il-qorti għandha toqgħod b'seba' għajnejn biex ma tħallix kwestjoni dwar mandat maħruġ minn qorti tinbidel fi kwestjoni ta' ftuħ mill-ġdid tal-mertu jew billi tħalli li jiddaħħlu fin-nofs kwestjonijiet oħrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-mandat. F'dan ir-rigward, il-qorti tqis li l-mottiv li jkun wassal lil xi ħadd biex jitlob il-ħruġ ta' mandat m'għandux, bħala regola, ikun raġuni biex il-qorti tistħarreġ is-siwi tiegħu. Dan jingħad aktar u aktar fejn il-mandat ikun wieħed eżekuttiv, imsejjes fuq titolu li jkun eżegwibbli".

»Il-kompitu tal-qorti f'dawn il-proċeduri huwa mfisser b'mod tajjeb fil-ġurisprudenza hawn fuq kwotata. B'hekk, fir-rigward tal-iskrittura datata 24 ta' Frar 2014, il-qorti m'hijiex ser tidħol fil-kwistjoni jekk l-iskrittura msemmija hijiex waħda valida jew le, għaliex dak m'huwiex il-kompitu tagħha f'dan il-provvediment. Dak li qed jitlob ir-rikorrent huwa paragunabbli mal-ftuħ mill-ġdid tas-sentenza fejn ġew assenjati l-garaxxijiet: dritt li mhux mogħti taħt din il-proċedura.

»Fir-rigward ta' dak li ngħad fir-rikors promutur, il-qorti tagħmel riferenza għall-artikolu 62A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> »"Is-separazzjoni personali ma għandha ebda effett kontra t-terzi ħlief minn dak in-nhar li s-sentenza jew il-kuntratt, skont il-każ, jiġu mniżżla fir-Reġistru Pubbliku. … … …"

»B'hekk jirriżulta li artikolu 62A hawn fuq kwotat jistabbilixxi biss x'inhu l-effett ta' separazzjoni personali kontra terzi persuni u mhux kontra l-partijiet nfushom!

»It-talba tar-rikorrent sabiex jiġi mħassar il-mandat ta' żgumbrament in kwistjoni bil-proċedura odjerna ma tistax tirnexxi fid-dawl tal-ġurisprudenza hawn fuq ċitata. Di fatti, fl-isfond tal-ġurisprudenza ċitata, din il-qorti hija tal-fehma li r-raġunijiet li r-rikorrent ġab biex ikun hemm it-tħassir tal-mandat ma jikkwalifikawx bħala raġuni valida skont il-liġi għall-fini ta' proċediment skont l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rimedju li jagħti l-artikolu 281 imsemmi huwa speċjali. Il-preġudizzju li parti interessata tallega li ġġarrab irid jirriżulta minn eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. L-istħarriġ li l-qorti trid tagħmel m'huwiex fil-mertu. Li trid tara l-qorti huwa jekk il-mandat ikunx inħareġ mod abbużiv. Mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Fil-każ odjern, il-qorti hija tal-fehma li fil-ħruġ tal-mandat ma kien hemm xejn irregolari jew abbużiv.

»Jjekk ir-rikorrent jaħseb li għandu raġunijiet biżżejjed sabiex jattaka l-eżekuzzjoni tal-mandat, ir-rimedju tiegħu m'huwiex il-proċediment speċjali skont l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta iżda l-proċedura ordinarja bil-preżentata ta' rikors ġuramentat fejn jagħmel il-każ tiegħu.

»Għal dawn il-motivi l-qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba hekk kif kontenuta fir-rikors promutur, tiċħad it-tieni talba tar-rikorrent eżekutat Charles Saliba għat-tħassir tal-mandat ta' żgumbrament bin-numru 154/2021 maħruġ kontrih mill-intimata eżekutanta Mary Saliba.

»L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mir-rikorrent eżekutat Charles Saliba.«

6. Ir-raġel appella b'rikors tat-23 ta' Novembru 2021 li għalih il-mara wieġbet fil-15 ta' Diċembru 2021.

7. L-aggravji huma tlieta: i. illi l-ewwel qorti tat interpretazzjoni dejqa wisq tal-art. 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; ii. illi ma hemm ebda titolu esekuttiv li bis-saħħa tiegħu seta' jintalab il-ħruġ tal-mandat għax il-proprjetà li minnha qiegħed jintalab l-iżgumbrament għadha ma hijiex tal-mara billi għadu ma sar ebda att pubbliku li hu meħtieġ biex tgħaddi l-proprjetà; u iii. illi ma hemm ebda titolu eżekuttiv ukoll għax l-obbligazzjoni kanonizzata bis-sentenza ntemmet b'effett ta' transazzjoni.

8. It-tieni u t-tielet aggravji huma dwar nuqqas ta' titolu eżekuttiv. L-ewwel qorti ma qalitx illi n-nuqqas ta' titolu eżekuttiv ma jistax ikun raġuni għat-tħassir ta' mandat eżekuttiv; anzi, iċċitat ġurisprudenza fis-sens illi kwistjonijiet dwar jekk il-mandat inħariġx bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv jistgħu jitqiesu għall-għanijiet ta' talba taħt l-art. 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Għalhekk, jekk tassew għandu raġun ir-raġel fit-tieni jew fit-tielet aggravju tiegħu, ma hemm ebda ħtieġa li tingħata interpretazzjoni usa' lill-art. 281 għax jekk tassew ma kienx hemm titolu eżekuttiv dan ikun biżżejjed biex jitħassar il-mandat taħt l-art. 281.

9. Għalhekk ma hemmx ħtieġa li nqisu l-ewwel aggravju u nistgħu ngħaddu biex inqisu t-tieni aggravju, li ġie mfisser hekk:

> »Huwa indiskuss li wara s-separazzjoni ta' bejn il-kontendenti, u *cioè* dik dikjarata permezz tas-sentenza datata 25 ta' Mejju 2012, l-appellata ġiet assenjata l-garaxxijiet in kwistjoni. Fuq dan ma hemm l-ebda kontestazzjoni, iżda … dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat ma' trasferiment. Dik l-assenjazzjoni tat jedd lill-appellata fuq dik il-proprjetà, izda dik l-assenjazzjoni waħedha ma żvestietx lill-appellant min-nofs indiviż tiegħu.
>
> »Il-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta f'diversi bnadi tiegħu jgħid li trasferiment ta' proprjetà immobbli li ssir permezz ta' diversi modalitajiet, trid issir b'att pubbliku. Fuq hekk, l-appellant iqis li ma hemmx ħtieġa t'argumentazzjoni fit-tul, salv għall-fatt li f'dan il-każ partikolari huwa rilevanti dak li jgħid u jrid l-artikolu 499(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta'

Malta. Imbagħad is-subartikolu tal-istess jitlob l-iskrizzjoni sabiex ikollu [*sc.* effett] għat-terzi. Imma qabel dan, irid isir kuntratt.

»… … … Ġaladarba huwa ikkontestat li wara dik is-sentenza ma sar l-ebda att ta' diviżjoni permezz kuntratt pubbliku, il-proprjetà immobiljarji baqgħet fi stat ta' ko-proprjetà bejn il-kontendenti. Huwa proprju għal-hekk li f'kawżi simili tintalab il-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jidhru fuq l-att ta' diviżjoni fil-każ ta xi eventwali kontumaċja u li jiġi nominat nutar pubbliku sabiex jirrediġi l-att meħtieġ. Meta dan ma jsirx, irid isir att wara sentenza simili. Dan ma sarx u għalhekk ma sar l-ebda trasferiment. F'dan il-każ ma kien hemm l-ebda talba simili, u għalhekk il-qorti ma ordnatx li jsir il-kuntratt u mhux għax ma kienx meħtieġ.

»Hawnhekk allura jippekka l-mandat relattiv għaliex qiegħed isir fuq bażi ta' titolu attwalment mhux eżistenti. Jekk l-appellata jidhrilha (mingħajr preġudizzju għal dak li sejjer jingħad fit-tielet aggravju hawn isfel) li għandha xi pretensjoni fuq dawn il-garaxxijiet, peress li ma sarx kuntratt appożitu ta' diviżjoni, allura l-proċedura għandha tkun kawża b'rikors maħluf sabiex tordna lill-appellant jersaq għal dik il-likwidazzjoni u t-trasferiment.

»Jerġa' jiġi ribadit li l-appellant jifhem li dik is-sentenza ta' separazz-joni tat-jedd fuq dawn il-garaxxijiet iżda waqfet hemm fir-rigward tat-trasferiment tagħhom, Illum għalhekk l-appellata ma tistax teżekwixxi dak il-jedd b'dan il-mod.«

10. Huwa minnu li ma sarx kuntratt ta' trasferiement tal-proprjetà, iżda dan ma huwiex meħtieġ biex tgħaddi l-proprjetà. Li hu meħtieġ li jsir, biex it-trasferiment iseħħ kontra terzi, hu li s-sentenza tiġi insinwata fir-Reġistru Pubbliku kif jgħid u jrid l-art. 239 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Pro-ċedura Ċivili. Quddiem il-partijiet, iżda, is-sentenza hija biżżejjed.

11. It-tieni aggravju huwa għalhekk miċħud.

12. It-tielet aggravju jgħid illi seħħet transazzjoni li bis-saħħa tagħha ntemm il-jedd tal-mara għall-pussess battâl tal-proprjetà u, konsegwentement, intemm ukoll il-jedd li tiżgombra lir-raġel. L-aggravju ġie mfisser hekk:

»Jidher li l-ewwel qorti ma tatx piż lit-tieni raġuni utilizzata u *cioè* li l-appellata ma setgħetx tmexxi b'att eżekuttiv għaliex wara s-sentenza ta' separazzjoni hija daħlet fi ftehim mal-appellanti. Jidher li l-ewwel qorti naqset milli tikkunsidra dan il-punt proprju għaliex, skond hi, dan huwa eżami li jmur lil hinn minn eżami taħt l-artikolu 281 ta-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

»… … …

»Jirriżulta li wara dik is-sentenza l-kontendenti qablu li jidħlu fi ftehim ta' transazzjoni sabiex jirregolaw il-pożizzjonijiet tagħhom, jagħalqu kull pendenzi u sabiex jevitaw proċeduri oħra. Fil-fatt, permezz ta' skrittura datata 24 ta' Frar 2014, eżebita in atti, l-appellant għażel li jħallas l-ammont ta' €44,200.50 a saldu ta' kull pretensjoni. Dan huwa ammont akbar minn dak effettivament likwidat mill-Qorti tal-Appell. … … … L-appellata m'għamlet l-ebda riżerva jew kundizzjoni. Anzi, terġa' u tgħid, hemm miktub li l-partijiet qegħdin jagħtu kwittanza finali lil xulxin u li m'għandhom l-ebda pendenzi ulterjuri fil-konfront ta' xulxin. Jidher li l-appellanti m'hijiex aktar qiegħda tagħti effett għal dik l-iskrittura.

»Fil-fehma tal-appellanti, dik it-transazzjoni tarreka fuqha l-effetti ta' *res judicata* kif irid u jgħid l-artikolu 1729 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. … … …

»Dak il-ftehim, bil-mod kif redatt u aċċettat mill-appellata, jipprekludi lill-istess sabiex tippromwovi azzjoni oħra (inkluż it-talba u ħruġ ta' mandati) dwar kwistjonijiet riżolti permezz ta' dak l-istess ftehim.

»Kif diġà ntqal, il-provvediment issa appellat huwa silenzjuz fuq dan il-punt u fl-umli fehma tal-appellant kien jimmerita aktar attenzjoni.«

13. Il-mara wieġbet hekk:

»In kwantu għall-iskrittura li għaliha jagħmel referenza r-rikorrenti, dina bid-dovut rispett ukoll qed issir referenza għaliha b'mod li r-raġel qiegħed jittanta jiżgwida lill-qorti għall-iskopijiet ta' moħħu.

»Verament li d-diċitura tal-iskrittura setgħet kienet waħda aktar feliċi għall-esponenti, iżda l-verità hija li r-rikorrenti Saliba kellu eluf ta' arretrati ta' manteniment xi jħallas lill-esponenti u l-imsemmija skrittura kienet saret biss għal dak l-iskop. Li kieku mhux hekk, allura la darba l-iskrittura kellha skond ir-raġel tirreferi għall-proprjetà immobbli, allura kien isir att pubbliku u mhux sempliċiment skrittura privata. Ir-raġel kien assistit fuq l-iskrittura minn avukat u għalhekk huwa bid-dovut rispett ovvju illi li kieku l-partijiet fuq l-iskrittura riedu jinkludu immobbli fil-ftehim kienu jiffirmaw kuntratt pubbliku.

»Dan ma sarx għaliex kif ingħad l-iskrittura kienet intiża sabiex isir ftehim dwar l-arretrati tal-ħlas ta' manteniment.

»Mhux biss iżda bid-dovut rispett anke l-ammont imħallas fuq l-iskrittura huwa ovvju li b'ebda immaginazzjoni anke jekk fertili ma' jista' jirreferi għal sehem l-esponenti minn żewġ proprjetajiet immobbli, anke jekk garaxxijiet.

»Għalhekk huwa evidenti li r-raġel qiegħed wara dawn is-snin kollha jokkupa l-garaxxijiet abużivament, li huwa qiegħed permezz ta' dina l-proċedura jagħmel tenttattiv pwerili u tost sabiex jieħu mingħand l-esponenti dak li ġie assenjat lilha mill-qorti wara snin f'kawża ta' separazzjoni.«

14. Ir-raġel qiegħed effettivament jgħid illi l-obbligazzjoni kanonizzata bis-sentenza tħallset bit-transazzjoni, u għalhekk it-titolu eżekuttiv huwa eżawrit.

Jekk tassew dan huwa minnu, din hija raġuni tajba biex tintlaqa' t-talba taħt l-art. 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

15. Il-mara tgħid illi bil-kitba tal-24 ta' Frar 2014 ġie saldat biss id-dejn tar-raġel għall-ħlasijiet fi flus, u ma ġiex saldat ukoll finalment u effettivament id-dejn għall-assenjazzjoni ta' sehmu fil-proprjetà, u għalhekk qiegħda titlob l-iżgumbrament; ir-raġel min-naħa l-oħra jtenni dak li tgħid il-kitba stess, *viz.* illi "l-ftehim għandu jservi ta' kwittanza finali bejn il-partijiet".

16. Is-sentenza ikkundannat lir-raġel iħallas dawn l-ammonti:

€ 37,400.00 arretrati ta' manteniment;
€ 2,853.50 sehem il-mara minn infiq fid-dar parafernali tar-raġel;
€ 1,164.50 sehem il-mara minn vettura assenjata lir-raġel;
€ 582.59 sehem il-mara minn beni oħra assenjati lir-raġel:
€ 42,000.59 b'kollox

17. Is-sentenza iżda tgħid ukoll illi "is-somma komplessiva ta' €37,400 rappreżentanti arretrati ta' manteniment … … … però qiegħda tiġi *in parte* sodisfatta billi l-konvenuta qiegħda tiġi assenjata ż-żewġ garaxxijiet", u għalhekk ir-raġel "għandu jħallas lill-konvenuta s-somma bilancjali ta' €11,777", li jfisser li l-bilanċ totali li kellu jħallas ir-raġel ma jibqax ta' tnejn u erbgħin elf euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€42,000.59) iżda ta' sittax-il elf, tliet mija u sebgħa u sebgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€16,377.59).

18. Bil-kitba tal-24 ta' Frar 2014 ir-raġel ħallas erbgħa u erbgħin elf u mitejn euro u ħamsin ċenteżmu (€44,200.50), pratikament elfejn u mitejn euro

(€2,200)[3] aktar mill-bilanċ li kien ikun dovut li kieku l-proprjetajiet ma jiġux assenjati lill-mara. Dan ifisser illi l-partijiet ftiehmu li flok ma s-somma dovuta lill-mara "tiġi *in parte* sodisfatta billi l-konvenuta [il-mara] … tiġi assenjata ż-żewġ garaxxijiet", il-ħlas isir kollu fi flus. Billi iżda ma sar ebda att pubbliku biex jitħassar it-trasferiment tas-sehem tal-proprjetà li bis-sentenza ġie assenjat lill-mara, il-proprjetà baqgħet formalment tal-mara, għalkemm issa mhix mistħoqqa ladarba l-ħlas tad-dejn tar-raġel sar kollu bi flus.

19. Dan ifisser illi d-dejn tar-raġel tħallas, illi tassew il-ftehim tal-24 ta' Frar 2014 "għandu jservi ta' kwittanza finali bejn il-partijiet", u li għalhekk it-titolu eżekuttiv li kellha l-mara huwa eżawrit, u ma jista' jinħareġ ebda mandat eżekuttiv ieħor bis-saħħa tiegħu.

20. B'dikriet tas-7 ta' Frar 2022 din il-qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u stiednet lill-partijiet jagħmlu trattazzjoni ulterjuri fuq dan il-punt u, effettivament, tat lill-mara opportunità tfisser għala qiegħda tippretendi wkoll l-iżgumbrament tar-raġel mill-proprjetà ladarba ġà tħallset fi flus. Il-mara iżda ma tat ebda spjegazzjoni sodisfaċenti, u l-qorti ma tara ebda raġuni oħra għat-talba tal-ħruġ tal-mandat ħlief illi l-mara trid tapprofitta ruħha miċ-ċirkostanzi u tieħu l-ħlas għal darbtejn meta li kellha tagħmel hu li tgħaddi sehmu mill-proprjetà lura lir-raġel. Iżda l-qorti ma tistax tippermetti illi l-mezzi ta' eżekuzzjoni tas-sentenza jintużaw biex min

3 Is-sentenza ikkundannat lir-raġel iħallas ukoll mitejn euro (€200) fix-xahar bħala manteniment. Meta tqis li bejn is-sentenza tal-25 ta' Mejju 2012 u l-kitba tal-24 ta' Frar 2014 għaddew wieħed u għoxrin (21) xahar, il-ħlas żejjed x'aktarx jirrappreżenta arretrati ta' manteniment għal uħud minn dawk ix-xhur.

jinqeda bihom jieħu aktar minn dak li jistħoqq: *malitiis non est indulgendum*.

21. Dan l-aggravju għalhekk għandu jintlaqa'.

22. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell, tħassar il-provvediment tas-17 ta' Novembru 2021 u tilqa' t-talba għat-tħassir tal-mandat.

23. Billi fil-fehma tal-qorti l-mara mxiet *in mala fide,* l-ispejjeż kollha, kemm tal-ewwel grad u kemm ta' dan l-appell, għandha tħallashom il-mara.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm